**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' Novembru, 2015

Rikors numru : 329/2015 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar id-disgha ta' Gunju tas-sena elf disa` mija tmienja u disghin (09/06/1998) gewwa il-Knisja tal-Mirakli gewwa Naxxar;

2. Illi l-esponenti sseparat legalment minn ma' zewgha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dotor Rachel Busuttil datat tmienja ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (08/01/2013) liema kuntratt hu hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

3. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt (2) itfal u cioe` D u L ahwa Borg li twieldu fid-disgha ta' Novembru tas-sena elf disa` mija u tmienja u disghin (09/11/1998);

4. Illi ma hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet tant illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat tmienja ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (08/01/2013) surreferit izda kienu ilhom de facto separati u ma jghixux flimkien ghal iktar minn erba (4) snin matul l-ahhar hames snin precedenti dan l-umli rikors u ghalhekk jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 66B;

5. Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll zewgha kienu ddekadew ghad-dritt taghhom ghall-manteniment, filwaqt illi l-intimat obbliga ruhu li jhallas manteniment ghal minuri a tenur tal-Artikolu 7 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, liema manteniment fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) fil-gimgha ghal kull wild u dejjem gie u ghadu jithallas mill-esponenti;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Awissu, 2015;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Jannar 2013 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin matul l-ahhar hames snin precedenti din it-talba;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.